

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 785/2005**tat-23 ta' Mejju 2005****li jagħlaq ir-reviżjoni interim parzjali tal-miżuri kontra d-dumping applikabbli għall-importazzjonijiet ta' silikon li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' *dumping* minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ⁽¹⁾ (ir-“Regolament bażiku”), u b'mod partikolari l-Artikoli 11(3) u 22(ċ) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta ppreżentata mill-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

A. PROĊEDURA**1. Miżuri fis-seħħ**

- (1) F' Marzu 2004 wara reviżjoni ta' skadenza, il-Kunsill, permezz tar-Regolament (KE) Nru 398/2004 ⁽²⁾, impona dazju definittiv kontra d-*dumping* fuq l-importazzjonijiet ta' metall tas-silikon (“silikon”) li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (“ir-RPĊ”). Ir-rata tad-dazju definittiv applikabbli għall-prezz nett, u liberu fil-fruntiera tal-Komunità, qabel id-dazju, kienet ta' 49 %.

2. Ftuħ

- (2) Fl-20 ta' Marzu 2004 il-Kummissjoni ħabbret permezz tal-pubblikazzjoni ta' avviż ⁽³⁾ fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, il-ftuħ ta' reviżjoni interim parzjali tal-miżuri applikabbli għal, *inter alia*, importazzjonijiet ta' silikon li joriġina mir-RPĊ skond l-Artikoli 11(3) u 22(ċ) tar-Regolament bażiku.
- (3) Ir-reviżjoni nġhatat bidu fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni sabiex jiġi eżaminat jekk, bħala konsegwenza tat-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004 (“Tkabbir”), b'kont meħud ta' l-interessi tal-Komunità, kienx hemm il-ħtieġa li jiġu adottati miżuri sabiex jiġi evitat xi effett għal għarrieda u eċċes-sivament negattiv fuq il-partijiet interessati, inklużi l-utenti, id-distributuri u l-konsumaturi.

3. Il-prodott eżaminat

- (4) Il-prodott eżaminat huwa l-istess wieħed ta' l-investigazzjoni li wasslet għall-impożizzjoni tal-miżuri eżistenti, jiġifieri metall tas-silikon li joriġina mir-RPĊ, klassifikabbli fil-kodiċi NM 2804 69 00 (kontenut ta' silikon anqas minn 99,99 % bħala piż). Sempliċement minħabba l-klassifikazzjoni attwali stabbilita fin-nomenklatura tad-Dwana, dan għandu jinqara “silikon”. Is-silikon aktar pur, jiġifieri li jkun fih bħala piż mhux anqas minn 99,99 % ta' silikon, użat l-aktar fl-industrija tas-semikondutturi elettroniċi, jikkorrispondi għall-kodiċi NM differenti u mhuxwix kopert minn dan il-proċediment.

⁽¹⁾ ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 461/2004 (ĠU L 77, 13.3.2004, p. 12).

⁽²⁾ ĠU L 66, 4.3.2004, p. 15.

⁽³⁾ ĠU C 70, 20.3.2004, p. 15.

4. Investigazzjoni

- (5) Il-Kummissjoni għarrfet b'mod uffiċjali l-importaturi, l-utenti u l-esportaturi magħrufa bħala interessati u l-assoċjazzjonijiet tagħhom, ir-rappreżentanti tal-pajjiż esportatur konċernat u l-produtturi Komunitarji dwar il-ftuħ ta' l-investigazzjoni. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jgħarrfu fehmiethom bil-miktub u li jitolbu li jinstemgħu fil-limitu ta' żmien stabbilit fl-avviż ta' ftuħ.
- (6) Għarrfu fehmiethom bil-miktub il-Kamra tal-Kummerċ Ċiniża ta' l-Importaturi u Esportaturi ta' Metalli, Minerali u Prodotti Kimiċi (CCCMC), l-assoċjazzjoni ta' l-industrija Komunitarja (*Euroalliances*), l-importaturi/kummerċjanti, l-awtoritajiet ta' diversi Stati Membri ġodda li daħlu fl-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004 ("l-UE10") u l-utenti tas-silikon fl-UE10. Il-partijiet kollha li talbu fil-limitu ta' żmien stabbilit li jinstemgħu, u li wrew li kien hemm raġunijiet partikolari għala kellhom jinstemgħu, ingħataw din l-opportunità.
- (7) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li qieset meħtieġa għall-fini tad-determinazzjoni kemm il-miżuri fis-seħħ kienu xierqa.

B. KONKLUŻJONIJET TA' L-INVESTIGAZZJONI U GĦELUQ TAR-REVIŻJONI INTERIM PARZJALI

1. Importazzjonijiet ta' silikon mir-RPĊ lejn l-UE10

- (8) L-investigazzjoni żvelat li ż-żieda medja annwali fil-volum ta' l-importazzjonijiet tas-silikon mir-RPĊ fl-UE10, kif imħabbar mill-Eurostat, kienet ta' madwar 13 % fl-2001 u l-2002. Fl-2003 il-volum ta' l-importazzjonijiet żdied b'madwar 54 % minħabba ż-żieda sinifikattiva fil-perjodu minn Ottubru sa Diċembru.
- (9) Barra minn hekk, eżatt qabel it-Tkabbir, jiġifieri bejn Jannar u April 2004, instabet żieda anormali fil-volum ta' l-importazzjonijiet ta' madwar 120 % imqabbel ma' l-istess perjodu tas-sena ta' qabel.
- (10) L-investigazzjoni żvelat ukoll li l-importazzjonijiet tas-silikon mir-RPĊ lejn l-UE10 naqsu wara t-Tkabbir. Ir-raġuni ta' dan it-tnaqqis tista' tinsab fiż-żidiet anormali fil-volum ta' l-importazzjonijiet qabel it-Tkabbir.
- (11) Barra minn hekk, l-istatistika dwar l-importazzjonijiet lejn l-UE10 fil-perjodu ta' wara t-Tkabbir turi li t-tnaqqis fil-volum ta' l-importazzjonijiet mir-RPĊ jaħbat ma' żieda progressiva ta' importazzjonijiet li joriġinaw min-Norveġja u l-Brażil kif ukoll ta' bejgħ mill-ħmistax-il Stat Membru li kienu jiffurmaw l-Unjoni Ewropea ta' qabel it-Tkabbir ("l-UE15").

2. Domanda għas-silikon fl-UE10

- (12) Id-domanda għas-silikon fl-UE10 ġiet stabbilita abbażi tat-total ta' l-importazzjonijiet wara t-tnaqqis tat-total ta' l-esportazzjonijiet. Ta' min jinnotta li m'hemmx produzzjoni dikjarata ta' silikon fl-UE10.
- (13) B'kont meħud taż-żidiet anormali fil-volumi ta' l-importazzjonijiet mir-RPĊ qabel it-Tkabbir, inħasset il-ħtieġa li jsiru aġġustamenti fil-volumi ta' l-importazzjonijiet matul l-2003 u l-2004 sabiex jiġi determinat x'ikunu normalment il-livelli ta' importazzjoni matul dawn il-perjodi mingħajr it-Tkabbir.

- (14) F'dan ir-rigward, iż-żieda medja annwali fil-volumi ta' l-importazzjonijiet mir-RPĊ fl-2001 u 2002 instabet li kienet waħda ta' 13 %. Abbażi ta' dan, il-livell ta' importazzjonijiet normali mir-RPĊ fl-2003 u 2004 ġie stabbilit bl-applikazzjoni ta' żieda annwali ta' 13 % fil-volumi ta' importazzjonijiet fis-snin ta' qabel, li normalment setgħu kienu mistennija bħala l-livelli ta' importazzjoni matul dawn il-perjodi mingħajr it-Tkabbir.
- (15) Bl-istess metodoloġija, l-esportazzjonijiet mill-UE10 fl-2004 ġew smati billi mat-total ta' esportazzjonijiet fl-2003 ġiet miżjuda żieda normali ta' 80 % li nstabet li kienet iż-żieda medja annwali fil-volumi ta' esportazzjoni fl-2002 u l-2003.

Tabella 1

Domanda għas-silikon fl-UE10

Sena	(tunnellati)				
	2000	2001	2002	2003	2004 (stima)
Importazzjoni lejn l-UE10 ftunnellati metriċi	18 815	19 802	22 661	23 855 (stima)	26 957
Esportazzjoni mill-UE10 ftunnellati metriċi	37	6	84	153	275
Domanda totali fl-UE10 ftunnellati metriċi	18 778	19 795	22 576	23 703	26 682

Sors: Eurostat u data valutata għall-2003 u 2004.

- (16) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, instab li d-domanda fl-UE10 hija ta' madwar 6 % tal-livell ta' domanda fl-UE15 skond l-istima li saret fl-aħħar investigazzjoni, magħmula fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 398/2004, ta' revizzjoni ta' skadenza tal-miżuri *antidumping* kontra l-importazzjonijiet ta' silikon li joriġinaw mir-RPĊ.

3. Sorsi alternattivi ta' forniment sabiex tintlaqa' d-domanda fl-UE10

- (17) L-investigazzjoni wriet li hemm biżżejjed sorsi potenzjali ta' forniment, bħala alternattivi għall-forniment mir-RPĊ, disponibbli sabiex tintlaqa' d-domanda fl-UE10 anke jekk l-estensjoni tad-dazju kontra d-*dumping* mill-UE15 għall-10 Stati Membri ġodda telimina kompletament jew twassal għal tnaqqis ta' l-importazzjonijiet mir-RPĊ.
- (18) Il-forniment potenzjali ta' silikon mill-UE15 huwa ta' madwar 18 000 tunnellata metrika. Dan il-kalkolu sar abbażi ta' l-aħħar investigazzjoni ta' revizzjoni ta' skadenza tal-miżuri kontra d-*dumping* fuq importazzjonijiet ta' silikon li joriġinaw mir-RPĊ. Instab li l-produzzjoni fl-UE15 ta' silikon ammontat għal madwar 148 000 tunnellata metrika fl-2001. Mill-istess investigazzjoni ta' revizzjoni ta' skadenza instab li l-kapaċità ta' produzzjoni fl-UE15 kienet ta' madwar 166 000 tunnellata metrika, li wriet li hemm kapaċitajiet mhux utilizzati ta' madwar 18 000 tunnellata metrika.
- (19) Barra minn hekk, sorsi potenzjali oħra ta' forniment ta' silikon (mhux soġġetti għal dazji *antidumping*) huma, fost l-oħrajn, in-Norveġja (b'kapaċità mhux utilizzata ta' 18 000 tunnellata metrika), il-Brażil, il-Kanada u l-Istati Uniti.
- (20) Kif deskritt fil-premessa 11, instab ukoll li fil-perjodu ta' wara t-Tkabbir, jiġifieri minn Mejju sa Novembru 2004, li għalih l-Eurostat diġa tħabbret *data* affidabbli, l-importazzjonijiet minn sorsi oħrajn, b'mod partikolari min-Norveġja u mill-Brażil, kif ukoll il-bejgħ mill-UE15 żdiedu gradwalment. Il-bejgħ mill-UE15 żdied erba' darbiet, il-volumi ta' importazzjoni min-Norveġja żdiedu ħames darbiet u mill-Brażil sitt darbiet, kif imqabbla ma' l-istess perjodu fl-2003.

Tabella 2

Volumi ta' importazzjoni lejn l-UE10 min-Norveġja, mill-Brażil u bejgħ mill-UE15

Perjodu tas-sena	(tunnellati)		
	Bejgħ mill-UE15 (ftunnellati metriċi)	Volumi ta' importazzjoni min-Norveġja (ftunnellati metriċi)	Volumi ta' importazzjoni mill-Brażil (ftunnellati metriċi)
Mejju-Novembru 2003	2 070	238	152
Mejju-Novembru 2004	7 772	1 144	975

- (21) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, m'hemmx raġuni konvinċenti sabiex wieħed jemmen li sejjer jkun hemm nuqqas ta' silikon fis-suq ta' l-UE10.

4. Valutazzjoni ta' l-impatt ta' l-ispiża

- (22) Kif dikjarat minn bosta partijiet interessati, is-silikon huwa prodott intermedju użat biss minn għadd żgħir ta' industrijiet ta' proċessar fl-Istati Membri l-ġodda, b'mod partikolari fil-produzzjoni ta' liġi ta' l-aluminju sekondarju.
- (23) Il-produtturi ta' l-aluminju fl-UE10 jikkonfermaw li l-proporzjon medju ta' silikon konsumat fil-proċess ta' produzzjoni ta' liġi ta' l-aluminju sekondarju jvarja minn 3 % sa 13,5 %.
- (24) L-investigazzjoni wriet li ż-żieda fil-prezz tas-silikon fl-UE10 jew il-bdil għal sorsi alternattivi oħra ta' forniment x'aktarx li jkollhom effett minuri fuq l-ispejjeż ta' produzzjoni għall-utenti fl-UE10.

Żieda fil-prezz tas-silikon mir-RPĊ

- (25) Fid-dawl tal-perċentwali, hawn fuq imsemmija, ta' konsum ta' silikon fil-produzzjoni ta' liġi ta' l-aluminju sekondarju u billi d-dazju *antidumping* fuq l-importazzjonijiet tas-silikon mir-RPĊ huwa ta' 49 %, l-impatt ta' l-ispiża fuq il-produtturi ta' liġi ta' l-aluminju sekondarju jvarja biss minn 1,47 % sa 6,6 % ta' l-ispiża totali ta' produzzjoni tal-liġi ta' l-aluminju sekondarju.

Bdil għal sorsi alternattivi oħra ta' forniment

- (26) Xi partijiet interessati indikaw li, bl-estensjoni tal-miżuri kontra d-*dumping* għall-importazzjonijiet fl-UE10, kienu ġew imfittxija sorsi alternattivi ta' forniment ta' silikon iżda dawn is-sorsi alternattivi wasslu għal żieda fil-prezzijiet tas-silikon ta' madwar 34 %. F'dan ir-rigward, instab li l-impatt ta' l-ispiża għall-produtturi ta' liġi ta' l-aluminju sekondarju jkun anke inqas u jaqa' fil-medda ta' bejn 1 % sa 4,6 % ta' l-ispiża totali tal-produzzjoni ta' liġi ta' l-aluminju sekondarju.

5. Kummenti riċevuti mill-partijiet interessati

- (27) Bosta importaturi u utenti saħqu li sejjer ikun hemm defiċjenza fil-forniment ta' silikon fis-suq ta' l-UE10. Iżda, kif deskritt fil-premessi 11, 19 u 20, wara t-Tkabbir il-volumi ta' importazzjoni mir-RPĊ lejn l-UE10 qegħdin jiġu sostitwiti progressivament b'silikon li joriġina mill-UE15, min-Norveġja u mill-Brażil. Għaldaqstant m'hemm l-ebda raġuni sabiex wieħed jemmen li sejjer ikun hemm nuqqas ta' silikon fis-suq ta' l-UE10.

- (28) Wieħed mill-utenti ta' l-UE10 kif ukoll l-awtoritajiet Slovakkji u Sloveni stqarrew li s-silikon minn sorsi oħra huwa differenti f'termini ta' kwalità minn dak tar-RPĊ. F'dan ir-rigward ta' min jinnota li għe dikjarat fir-Regolament (KE) Nru 398/2004 fil-konklużjoni tar-reviżjoni ta' skadenza tal-miżuri kontra d-*dumping* imposti fuq l-importazzjonijiet ta' silikon li joriġina mir-RPĊ li s-silikon prodott fir-RPĊ u esportat lejn il-Komunità, kif ukoll is-silikon prodott fin-Norveġja u dak manifatturat fil-Komunità mill-produtturi Komunitarji kellhom l-istess karatteristiċi bażiċi sew fiżiċi kemm kimiċi, u l-istess użu bażiku. Għe notat li ebda aġġustament f'termini ta' kwalità tal-prodott ma kien meħtieġ. Għalhekk, m'hemm l-ebda raġuni sabiex wieħed jemmen li l-importazzjonijiet Ċiniżi lejn l-UE10 sostitwiti mill-pajjiżi imsemmija hawn fuq ikunu differenti f'termini ta' kwalità. Barra minn hekk, iż-żieda fl-importazzjonijiet minn pajjiżi oħra, kif deskritt fil-premessi 11, 19 u 20 ta' dan ir-Regolament, turi li l-prodotti huma sostitwibbli.
- (29) L-istess utent saħaq ukoll li l-impatt ta' l-ispiża għall-produtturi ta' liġi ta' l-aluminju sekondarju mhuwiex negliġibbli minħabba l-marġini baxxi ta' profitt ta' l-istess industrija. F'dan ir-rigward wieħed jiftakar fil-konklużjoni tal-premessi 25 u 26 li sejjer ikun hemm impatt limitat ta' l-estensjoni tal-miżuri kontra d-*dumping* fuq l-utenti tal-metall tas-silikon fl-UE10 b'żieda massima ta' 6.6 % fl-ispiża totali tal-produzzjoni ta' liġi ta' l-aluminju sekondarju. Iżda, din ma kinetx raġuni biżżejjed konvinċenti għall-modifika tal-miżuri eżistenti bl-introduzzjoni ta' arranġamenti transizzjonali. Tabilħaqq, dan l-impatt ma kienx materjalment differenti mill-impatt stmat għall-UE15 matul l-investigazzjoni li wasslet għall-impożizzjoni tal-miżuri definittivi fl-2004, fejn għe konkluż li l-miżuri fis-seħħ ma kienux sejrjn ikollhom effett sinifikattiv fuq l-utenti.

6. Konklużjoni

- (30) Minħabba l-impatt limitat tad-dazju fuq l-ispiża ta' manifattura ta' liġi ta' l-aluminju fl-UE10 u l-eżistenza ta' sorsi alternattivi ta' forniment lill-UE10, il-konklużjoni hija li l-estensjoni tal-miżuri eżistenti mill-UE15 għall-UE10 probabbilment ma tikkawża l-ebda effett għal għarrieda u eċċessivament negattiv fuq il-partijiet interessati, inklużi l-utenti, id-distributuri u l-konsumaturi. Għalhekk, jidher li m'hemmx ġustifikazzjoni għal arranġamenti transizzjonali,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT

Artikolu 1

Tiġi b'dan magħluqa r-reviżjoni interim parzjali tal-miżuri kontra d-*dumping* applikabbli għall-importazzjonijiet ta' silikon li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, mibdiya konformement ma' l-Artikoli 11(3) u 22(ċ) tar-Regolament (KE) Nru 384/96.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 23 ta' Mejju 2005.

Għall-Kunsill
Il-President
J.-L. SCHILTZ